SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA**

**11 ta' Jannar, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo, l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Janet Barthet, Alfred Mangion u Robert Vella Bonnici.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

## 7.1 Laqgħa mal-kuntratturi tal-Indafa

7.1.1 Iċ-*Chairperson* stieden lir-rappreżentanti tal-kumpanija *Twish Co. Ltd.* u *Sammy Borg Enterprises Limited*, kuntratturi tal-knis tat-toroq flimkien mal-ġbir ta' skart goff u l-ġbir tal-iskart rispettivament, sabiex jingħaqdu fil-laqgħa.

7.1.2 Saret diskussjoni dwar is-servizzi provduti u xi nuqqasijiet li osserva l-Kumitat.

7.1.3 Dwar is-servizz tal-knis il-Kumitat innota li dan ma jsirx fit-toroq kollha kif stipulat fil-kuntratt, fejn il-kuntrattur ma kienx ta' l-istess opinjoni.

7.1.4 Dwar il-qtugħ tal-ħaxix kienet iċċarata l-pożizzjoni x'wassal biex dan ma jkunx jista' jinqata' mill-ewwel.

7.1.5 Kienet ukoll iċċarata s-sistema tal-ġbir tal-iskart goff mill-Kappara.

7.1.6 Dwar il-ġbir tal-iskart il-Kumitat semma li hu sodisfatt bis-servizz għalkemm hemm xi ċirkostanzi li jista' jkun hemm titjieb.

7.1.7 Fi tmiem id-diskussjoni, ċ-*Chairperson* rringazzja l-kuntratturi.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tas-sitt laqgħa tal-Kumitat.

7.2.2 Il-Membru Robert Vella Bonnici għamel referenza għal minuta 6.4.2 fejn ippreċiża li l-kariga kienet ta' "rappreżentant" u mhux "president" kif kien irraporta, u kien hemm qbil li l-minuti jirriflettu dan.

7.2.3 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

7.2.4 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tas-sitt seduta kif emendati.*"

7.2.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Membru Janet Barthet u approvata unanimament.

7.2.6 Fir-rigward ta' minuta 6.1.5, kien diskuss li l-*Bring in Site* għadha ma tneħħitx u li dan għandu jiġi riallokat immedjatament.

## 7.3 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

7.3.1 Iċ-*Chairperson* skuża ruħu għan-nuqqas ta' attendenza tiegħu fil-laqgħa preċedenti minħabba raġunijiet ta' mard.

7.3.2 Iċ-*Chairperson* informa lil Kumitat li se tiġi mibgħuta *reminder* lil TM kif ukoll issir pressjoni sabiex tinħareġ l-approvazzjoni tax-xogħlijiet tal-*bollards*.

7.3.3 Fir-rispett ta' ittra preżentata dwar Triq il-Ġojjin, kien hemm qbil li l-Perit tal-Kunsill jinvestiga l-każ u jagħmel r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

7.3.4 Il-Kumitat kien informat li kienu mibgħuta diversi *reminders* liż-żewġ ambaxxati għal laqgħa mal-Kumitat, iżda baqgħet ma ngħatat l-ebda risposta.

7.3.5 Saret diskussjoni dwar l-allokazzjoni ta' fondi għal 2011 u kien hemm qbil li tingħata l-informazzjoni sħiħa lil Membri dwar dan.

## 7.4 Diskusjsoni dwar l-Offerta għal Tisbieħ fi Gnien G.M. Camilleri

7.4.1 Il-Kumitat kien infurmat li l-offerta kienet se tagħlaq fis-26 ta' Jannar, 2011.

7.4.2 Kien hemm qbil li l-Membri għandhom ikunu preżenti għal ftuħ tal-offerta.

7.4.3 Il-Kumitat qabel li l-proċess tal-offerta jkompli billi l-Perit tal-Kunsill ikun inkarigat jagħmel rapport tekniku, fejn il-Kumitat jiddiskuti tali rapport u jagħmel rakkomandazzjoni lil Kunsill sabiex jieħu d-deċiżjoni finali ħalli jkun jista' jiġi mplimentat il-proġett fl-iqsar żmien.

## 7.5 Diskussjoni dwar Jum il-Kappara

7.5.1 Il-Kumitat iddiskuta li kienet idejali li jkun hemm ġurnata biex tikkommemora Jum il-Kappara, fejn kienet proposta l-1 ta' Lulju.

7.5.2 Wara diskussjoni, kien hemm qbil li għandha ssir iktar riċerka dwar dan.

## 7.6 Diskussjoni dwar il-proġett ta' *bollards* fil-Kappara

7.6.1 Il-Kumitat kien infurmat li l-istima tal-Perit għal kull *bollard* kienet ta' €42 għal s*taple bollards* u ta' €115 għal *staple bollard* li jkollha wkoll riklam stampat.

7.6.2 Kienet diskussa l-possibilita' li jkun hemm numru ta' *bollards* li jkollhom riklami u oħrajn le.

7.6.3 Il-Kumitat iddiskuta li jżid il-kommunikazzjoni mar-residenti u qabel li tinġieb informazzjoni dwar *website* kif ukoll stampar ta' *leaflet*.

7.6.4 Il-Kumitat qabel li jrid iżomm kontroll fuq il-finanzi tiegħu u li kull inizjattiva jkollha finanzjament adekwat.

7.6.5 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fit-tmienja ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **8 ta' Frar, 2011**

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |